**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta’ Gunju 2025**

Rikors Numru: 153/2025 AL

AB

Vs

CD

(M.R. Numru 6363/2016)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi huma zzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom zewg ulied wahda bl-isem ta' XXX li twieldet fl-ewwel ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax

(01.11.2016) u l-iehor bl-isem ta' YYY li twieled fis-sbatax t'Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (17.08.2019) li t-tnejn huma minorenni, certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Doks B u C.

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat wiehed u tletin (31) t' Awwissu elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), liema kopja qed jigi hawn anness u mmarkat Dok D, liema kuntratt ta' separazzjoni sussegwentement gie emendat fit-tmienja t'Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (08.08.2023), kopja hawn annessa u mmarkata Dok E;

**4. Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet;**

5. Illi skond l-emendi l-godda fil-Kodici Civili maghmula mill-Att XXV tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), senjatament fl-artikolu 66B, il-partijiet huma separati bil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u ghaldaqstant **jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet AB u CD skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi ghalhekk ir-rikorrenti jitlobu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:

**I. TIDDIKJARA** z-zwieg tar-rikorrenti AB u CD mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,

**II. TORDNA** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fic-cikostanzi.

Bl-ispejjez karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2025;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Awwissu 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.